MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 1608/2001/1

**Micallef & Zammit Limited**

**v.**

**Ronald u Maria Violetta konjugi Abela**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici li tghid hekk:

“Premess illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta’ sitt elef sitt mija u sebgha u disghin liri u wiehed u tletin centezmu (LM6697.31,0) in konnessjoni mal-bejgh ta’ makkinarju, *spare parts* u accessorji ohra lill-konvenuti, liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal LM280.93,0 bhala bilanc fuq fattura rif. Numru 383 datata 31 ta’ Mejju 1999, (b) kwantu ghal LM3390.91,0 skont fattura rif. Numru 398 datata 10 ta’ Marzu 2000, (c) kwantu ghal LM2850.00,0 skond fattura rif. Numru 402 datata 4 ta’ April 2000, (d) kwantu ghal LM22.85,0 skont fattura rif. Numru 102260 datata 29 ta’ Settembru 1999, (e) kwantu ghal LM35.00,0 skont fattura numru 102331 datata 25 ta’ April 2000, (f) kwantu ghal LM74.20,0 skont fattura numru 102338 datata 27 ta’ April 2000, (g) kwantu ghal LM20.57,0 skont fattura numru 102452 datata 11 ta’ Jannar 2001 u (h) kwantu ghal Lm22.85,0 skont fattura numru 102520 datata 7 ta’ Awwissu 2001, u dan kollu skont kif jidher minn prospetti hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti ittri “A” u “B” flimkien ma’ kopji tal-fatturi relattivi hawn ilkoll annessi u mmarkati rispettivament bhala dokumenti fl-itrri minn “C” sa “J”;

“Premess illi ghalkemm debitament interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont, ukoll permezz ta’ ittra nterpellatorja tat-tmienja (8) ta’ Awwissu 2001 u ittra ufficjali datata hamsa (5) ta’ Settembru 2001 debitament notifikata lilhom dakinhar stess (kopji hawn annessi u mmarkati bhala dokument bl-ittri “K” u “L”), il-konvenuti xorta wahda baqghu inadempjenti;

“Premess illi l-ammont dovut huwa cert, likwidu u dovut;

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi m;ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“(1) tikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta’ sitt elef sitt mija u sebgha u disghin liri u wiehed u tletin centezmu (LM6697.31,0);

“(2) tiddeciedi skond it-talba, bid-dispensa tas-smigh tal-kawza.

“Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja datata tmienja (8) ta’ Awwissu 2001 u ta’ l-ittra ufficjali datata hamsa (5) ta’ Settembru 2001, u bl-imghaxijiet kollha skond il-ligi mid-dati ta’ hrug tal-fatturi kollha sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li jibqghu sa minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.”

Rat id-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Novembru, 2001 li in forza tieghu ordnat li l-kawza timxi bil-procedura normali u tat lill-konvenuti ghoxrin jum biex iressqu l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew:

“Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija preskritta in kwantu tirreferi ghall-ammont ta’ LM280.93 bhala bilanc fuq fattura rif. Numru 383 datata 31 ta’ Mejju, 1999, u in kwantu tirreferi ghall-ammont ta’ LM22.85 skond fattura rif. Numru 102260 datata 29 ta’ Settembru, 1999, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“Illi l-konvenuti jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mid-dritt li jaghmlu kontro-talba ghal danni sofferti minnhom li ghalihom hija unikament responsabbli s-socjeta` attrici, kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, bl-iskop li jpacu l-kreditu mitlub mis-socjeta` attrici, u dana ai termini ta’ l-Artikolu 396(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat il-kontro-talba (fol. 36) mressqa mill-konvenuti li tghid hekk:

“Premess il-konvenuti sofrew danni likwidati in segwitu bejgh ta’ makkinarju da parti s-socjeta` attrici, u li ghalihom hija unikament responsabbli l-istess socjeta` attrici, kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

“Tghid ghalhekk, is-socjeta` attrici, ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m’ghandhiex:

“1. tiddikjara li l-konvenuti sofrew danni in segwitu l-bejgh ta’ makkinarju da parti s-socjeta` attrici;

“2. tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas dawn id-danni favur il-konvenuti.

“Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra s-socjeta` attrici, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici (fol. 40) ghall-kontro-talba mressqa mill-konvenuti illi in forza taghha eccepew illi:
“Illi preliminarjament, l-azzjoni ta’ konvenuti rikonvenjenti hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti rikonvenjenti;

“Illi preliminarjament ukoll, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jirrikorrux ir-rekwiziti legali li jippermettu lill-konvenuti rikonvenjenti li jipprocedu in via rikonvenzjonali a tenur ta’ l-Artikolu 396(b) tal-Kap. 12 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan ghar-raguni li hawn si tratta, min-naha l-ohra, ta’ pretensjoni mhux likwidata da parti tal-konvenuti rikonvenjenti;

“Illi preliminarjament ukoll, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni kif promossa mill-konvenuti rikonvenjenti hija rrita u nulla ai termini ta’ l-Artikolu 789(1)(d) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti rikonvenjenti, u dan stante li l-att tal-kontrotalba ma fihx tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talbiet izda huwa neboluz ghal kollox, dan bi ksur tal-Artikolu 156(1) tal-imsemmi Kap. 12;

“Illi fil-mertu, inoltre u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, it-talbiet tal-konvenuti rikonvenjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma hemm l-ebda responsabbilita` da parti tas-socjeta` attrici rikonvenuta, li fil-fatt dejjem uzat il-prudenza u d-diligenza kollha skont il-

ligi fir-relazzjonijiet kummercjali taghha mal-konvenuti rikonvenjenti;

"Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi."

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tat-3 ta' Gunju, 2002, li biha irriduciet it-talba ghal LM4697.31 stante pagament akkont ta' LM2,000 fil-mori tal-kawza b'dan pero` li zammet ferm il-kap tal-ispejjez u l-imghax;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tat-13 ta' Frar, 2004, li in forza taghha irrinunzjat ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' sentejn taht l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri (fol. 83) tas-socjeta` attrici li in forza taghha eccepiet illi:
"l-azzjoni tal-konvenuti rikonvenjenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, Kap. 16 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta, ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti rikonvenjenti."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju, 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi qalet:
"... ... ... u tiddisponi kemm mit-talbiet tas-soċjetà attriċi kif ukoll mill-kontro-talbiet tal-konvenuti billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbat elef, tliet mija u tlieta u disgħin lira u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm4,393.53) flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Fit-28 ta' Frar 1996 il-konvenut kien xtara mingħand is-soċjetà attriċi makna għax-xogħol tiegħu ta' mastrudaxxa. Il-konvenut igħid illi l-makna ma ħadmitx sew għax ma hijiex tajba. Meta waslet għandu kellha xi *wires* maqlubin u kellu jqabbad *electrician* biex jirranġahom għax it-*technician* li bagħtet l-attriċi ma kienx jaf jagħmel ix-xogħol meħtieġ. Ukoll meta l-*wires* tqiegħdu sew, il-makna ma ħadmitx kif kellha taħdem. Is-soċjetà attriċi, min-naħa l-

oħra, tgħid illi l-makna ma ħadmitx sew għax il-konvenut ma għamilx dak li kellu jagħmel biex il-makna taħdimlu sew. Fil-fatt il-makna li xtara l-konvenut hija *sanding machine* li toħloq ħafna trab fit-tħaddim tagħha. Sabiex dan it-trab ma jinġemax fil-makna u hekk ma jħallihiex taħdem sew hu meħtieġ illi titħaddem *dust extraction unit* magħha. L-attriċi tgħid illi, għalkemm qalet lill-konvenut biex iqiegħed *dust extraction unit* ħdejn il-makna, il-konvenut ma għamilx hekk u kien għalhekk illi l-makna bdiet tiqaflu. Il-konvenut iżda jiċħad dan u jgħid illi qiegħed *dust extraction unit*, iżda għalxejn għax il-makna xorta taħdem ħażin.

"Billi, ħlief għall-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, il-konvenuti ma humiex qegħdin jikkontestaw il-*quantum* tat-talba tas-soċjetà attriċi iżda qegħdin igħidu illi għandha sseħħ tpaċija ma' dak li qegħdin jitolbu b'rikonvenzjoni, huwa meħtieġ illi nqisu l-ewwel il-kontro-talbiet tal-konvenuti u l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà attriċi għal dawk il-kontro-talbiet. Nibdew mill-eċċezzjonijiet proċedurali.

"It-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà attriċi tgħid illi ma tistax issir rikonvenzjoni taħt l-art. 396(*b*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax il-pretensjoni tas-soċjetà attriċi hija likwida waqt illi dik tal-konvenuti ma hijiex likwida.

"L-art. 396 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

"**396.** Fil-kawżi, il-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba ta' l-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:

(*a*) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba ta' l-attur; jew

(*b*) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha."

"Qabel xejn għandu jingħad illi huwa biżżejjed illi r-rabta bejn it-talba ta' l-attur u l-kontro-talba tal-konvenut tkun kif imfisser fil-paragrafu (*a*) jew fil-paragrafu (*b*), u mhux bilfors kif imfisser fiż-żewġ paragrafi flimkien.

"Barra minn hekk, kull ma jrid il-paragrafu (*b*) hu illi l-iskop tal-kontro-talba jkun li sseħħ tpaċija. Bejn żewġ krediti li huma likwidi, it-tpaċija sseħħ *ipso iure*, kif igħid l-art. 1196(2) tal-Kodiċi Ċivili, u ma hijiex meħtieġa talba ġudizzjarja għal hekk; it-talba ġudizzjarja tkun meħtieġa meta d-djun jew wieħed minnhom ma jkunux likwidi. Għalhekk, ladarba l-iskop tal-kontro-talba hu illi jiġi likwidat il-kreditu li jippretendu l-konvenuti, biex hekk isseħħ it-tpaċija, hemm ir-rabta li jrid l-art. 396(*b*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u t-tieni eċċezzjoni hija miċħuda.

"It-tielet eċċezzjoni tgħid illi ir-rikonvenzjoni ma tiswiex taħt l-art. 789(1)(*d*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax ma fihiex tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba, bi ksur ta' l-art. 156(1) ta' l-istess Kodiċi.

"L-art. 156(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fiż-żmien relevanti, kien igħid hekk:

"**156.** (1) Iċ-ċitazzjoni għandha titlesta mill-attur u għandu jkun fiha -

(*a*) tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba;

(*b*) it-talba jew it-talbiet, li għandhom ikunu numerati."

"L-art. 398(2) igħid illi l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba, iħares, kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew, waqt illi l-art. 789(1)(*d*) igħid illi tista' tingħata l-eċċezzjoni tan-nullità ta' att ġudizzjarju jekk dak l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi.

"Bħala tifsir ta' "l-oġġett u r-raġuni tat-talba", il-konvenuti fin-nota ta' eċċezzjonijiet li biha ressqu l-kontro-talbiet qalu illi huma "sofrew danni likwidati (*sic*) in segwitu bejgħ

ta’ makkinarju da parti s-soċjetà attriċi, u li għalihom hija unikament responsabbli l-istess soċjetà attriċi”.

“Tassew illi dan it-tifsir, aktar milli “ċar u sewwa”, huwa x’aktarx lakoniku, u ma jfissirx kif il-bejgħ wassal għad-danni li qegħdin jitolbu l-ħlas tagħhom il-konvenuti. Lanqas ma jingħata xi ħjiel fil-bqija tan-nota ta’ eċċezzjonijiet, jew fl-istqarrija maħlufa. Dan in-nuqqas tal-konvenuti jista’ jkun ta’ preġudizzju għas-soċjetà attriċi. Biżżejjed ngħidu illi jekk id-danni qegħdin jintalbu minħabba difett redibitorju, taħt l-art. 1429(1) tal-Kodiċi Ċivili, il-preskrizzjoni tkun dik ta’ sitt xhur taħt l-art. 1431, waqt illi jekk id-danni qegħdin jintalbu għax il-ħaġa mibjugħa ma hijiex tal-kwalità mwiegħda, taħt l-art. 1390, il-preskrizzjoni tkun dik ta’ sentejn taħt l-art. 1407. Jekk ma tkunx taf ir-raġuni sew tat-talba, is-soċjetà attriċi ma tkunx taf fuq liema preskrizzjoni għandha tistrieħ.

“Għalhekk il-qorti, b’dikriet tal-10 ta’ Jannar 2002, stiednet lill-konvenuti jfissru aħjar il-kontro-talbiet tagħhom u tathom żmien ta’ xahrejn biex jagħmlu hekk. Billi l-konvenuti ma għamlu xejn fiż-żmien li ngħatalhom, il-qorti b’dikriet ieħor tat-28 ta’ Novembru 2002 reġgħet tathom xahrejn oħra u din id-darba l-konvenuti b’nota tat-28 ta’ Jannar 2003 fissru illi qegħdin ifittxu għad-danni li ġarrbu “bħala riżultat tax-xogħol mitluf meta l-makna kienet bil-ħsara”. Jidher illi s-soċjetà attriċi kienet sodisfatta b’dan għax b’rikors tat-12 ta’ Jannar 2004, wara li qalet illi mit-tagħrif mogħti tal-konvenuti jidhrilha illi l-kontro-talba hija msejsa “fuq allegazzjoni ta’ danni kuntrattwali”, irrinunzjat għall-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili (il-preskrizzjoni ta’ sentejn li tolqot l-azzjoni għal danni *ex lege aquilia*), li kienet tat fin-nota ta’ eċċezzjonijiet oriġinali tagħha, u talbet illi minflok dik l-eċċezzjoni titħalla tressaq eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili (il-preskrizzjoni residwali ta’ ħames snin li tolqot il-krediti li ma jintlaqtux b’xi preskrizzjoni oħra aqsar). It-talba ntlaqgħet b’dikriet tat-3 ta’ Frar 2004.

"Fid-dawl ta' dan l-iżvilupp, il-qorti hija tal-fehma illi ma għandhiex tqis aktar l-eċċezzjoni ta' nullità tar-rikonvenzjoni.

"Ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili. Din hija l-preskrizzjoni residwali li tolqot il-krediti li ma jintlaqtux b'xi preskrizzjoni oħra aqsar. Sabiex naraw jekk din il-preskrizzjoni tolqotx il-kreditu pretiż mill-konvenuti u, f'dak il-każ, meta beda jgħaddi ż-żmien, jeħtieġ illi qabel xejn naraw preċiżament xi kreditu qegħdin jippretendu l-konvenuti.
"Il-qorti hija tal-fehma illi l-kontro-talbiet tal-konvenuti għal danni minħabba l-bejgħ ta' ħaġa li meta nbigħet kellha ħsara jew difett huma mibnija fuq l-art. 1429 tal-Kodiċi Ċivili:

"**1429.** (1) Jekk il-bejjiegħ kien jaf bid-difetti tal-ħaġa mibjugħa, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun irċieva iżda wkoll li jħallas id-danni lix-xerrej.

"(2) Jekk il-bejjiegħ ma kienx jaf bid-difetti tal-ħaġa, hu obbligat biss irodd il-prezz u jħallas lix-xerrej l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgħ."

"Dan l-artikolu jirregola l-azzjoni redibitorja jew stimatorja. Tassew illi l-konvenuti ma humiex qegħdin jagħmlu din l-azzjoni, għax ma humiex qegħdin jitolbu wkoll li jinħall il-bejgħ jew tnaqqis fil-prezz. Madankollu, ladarba r-rimedju li qegħdin jitolbu huwa aċċessorju għal dik l-azzjoni, ma jistgħux, billi jiżvinkolawh, itawlu ż-żmien tal-preskrizzjoni minn dak ta' sitt xhur, taħt l-art. 1431, għal wieħed itwal.
Billi għalhekk l-azzjoni tintlaqat bi preskrizzjoni aqsar minn dik taħt l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili, il-preskrizzjoni li fuqha qiegħda tistrieħ is-soċjetà attriċi ma tgħoddx gall-każ u l-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

"Ngħaddu issa għall-meritu tal-kontro-talbiet.

"Biex jirnexxu fit-talbiet tagħhom il-konvenut jridu juru illi s-soċjetà attriċi, bħala bejjiegħ, kienet taf bid-difetti fil-ħaġa mibjugħa fil-waqt tal-bejgħ. Din il-prova, fil-fehma tal-qorti, ma għamlithiex, u għalhekk il-kontro-talbiet ma jistgħux

jintlaqgħu. Konsegwentement, it-tpaċija li trid l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti ma tistax isseħħ, u t-talba tas-soċjetà attriċi għandha tintlaqa' ħlief li fadal li nqisu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti. Din l-eċċezzjoni, taħt l-art. 2148(*b*) tal-Kodiċi Ċivili (il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar għall-prezz ta' merkanzija mibjugħa bl-imnut), tolqot il-bilanċ ta' mitejn u tmenin lira u tlieta u disgħin ċenteżmu (Lm280.93) fuq il-fattura tal-31 ta' Mejju 1999, u l-ammont ta' tnejn u għoxrin lira u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm22.85) skond il-fattura tad-29 ta' Settembru 1999.
Il-kawża nfetħet mis-soċjetà attriċi fl-4 t'Ottubru 2001, u l-ewwel att ġudizzjarju li seta' kiser il-preskrizzjoni kien l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Settembru 2001, aktar minn tmintax-il xahar wara l-aħħar waħda miż-żewġ fatturi milquta bl-eċċezzjoni. Tassew illi, waqt li kienet miexja l-kawża, il-konvenuti għamlu ħlas akkont, iżda, skond l-art. 1171(*a*) tal-Kodiċi Ċivili, dak il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn mhux ikkontestat u mhux għall-fatturi kontestati, u għalhekk ma għandux jitqies li kiser il-preskrizzjoni taħt l-art. 2134 tal-Kodiċi Ċivili.

"L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni għalhekk għandha tintlaqa', u l-kreditu tas-soċjetà attriċi, ġà mnaqqas għal erbat elef, sitt mija u sebgħa u disgħin lira u wieħed u tletin ċenteżmu (Lm4,697.31) minħabba ħlas magħmul waqt li kienet miexja l-kawża, għandu jkompli jonqos għal erbat elef, tliet mija u tlieta u disgħin lira u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm4,393.53)[1]."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa' l-kontro-talba taghhom, bl-ispejjez u l-interessi a favur tal-istess appellanti;

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici fejn iddikjarat, ghar-ragunijiet minnha esposti, li l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez doppji kontra l-appellanti;

---

1 Lm4,697.31 - (Lm280.93 + Lm22.85) = Lm4,393.53

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2008;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Fil-kors tas-sentenza taghha, l-ewwel Qorti ddisponiet minn diversi kwistjonijiet u eccezzjonijiet li gew mqanqla mill-partijiet fil-kawza. Minn hafna mill-konkluzjonijiet li waslet ghalihom il-Qorti ma gie intavolat ebda appell minn ebda naha. L-uniku appell li gie pprezentat tressaq mill-konvenuti kontra c-cahda mill-ewwel Qorti tal-kontro-talba taghhom.

Is-socjeta` attrici f'din il-kawza talbet il-hlas bilancjali tal-prezz fuq bejgh lill-konvenuti ta' makna u l-accessorji taghha. Il-konvenuti b'rikonvenzjoni qeghdin ifittxu ghad-danni li garrbu ghax ighidu illi l-makna kienet difettuza.

L-ewwel Qorti cahdet din il-kontro-talba wara li osservat li skond il-ligi, senjament l-Artikolu 1429 tal-Kodici Civili, biex il-konvenuti jirnexxu fit-talba taghhom iridu juru li s-socjeta` attrici, bhala bejjiegh, kienet taf bid-difetti fil-haga mibjugha filwaqt tal-bejgh, filwaqt li din il-prova, fil-fehma ta' dik il-Qorti, ma saritx.

Il-konvenuti appellaw bl-aggravji jkun li fit-termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 1429, mhux mehtieg li l-bejjiegh ikun jaf bid-difetti fl-oggett mibjugh ghall-applikazzjoni tieghu.

Din il-Qorti tara li l-konvenuti ma fehmux il-hsieb wara s-sentenza tal-ewwel Qorti. Il-konvenuti, fil-kontro-talba taghhom, allegaw li l-magna li xtraw ma kenitx tahdem sew ghax kienet difettuza u kwindi talbu d-danni. Issa, proprjament, talba simili hija improponibbli peress li f'kaz ta' difetti latenti, il-kompratur jista' <u>biss</u> jinvoka l-garanzija tramite l-azzjoni redibitorja jew *quanti minoris*, u ma jistax ifittex ghad-danni b'mod esklussiv. Issir referenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-20 ta'

Ottubru, 2005, fil-kawza fl-ismijiet "Mangion v. Pulis", fejn dik il-Qorti ghamlet rassenja ta' diversi sentenzi, inkluzi dawk moghtija minn din il-Qorti, fis-sens indikat. Fl-istess sens hija s-sentenza recensjuri ta' din il-Qorti fil-kawza "Fenech v. Lagana`", deciza fit-28 ta' Novembru, 2008.

Id-danni, fis-sens tal-Artikolu 1429(1) jistghu jintalbu biss fil-kuntest tal-azzjoni redibitorja jew stimatorja, u jekk il-bejjiegh kien jaf bid-difetti tal-haga mibjugha. Is-sub-artikolu (2) ta' dan l-artikolu wkoll japplika fil-kuntest ta' tali azzjonijiet u, ghalhekk, la darba l-konvenuti ma ezercitaw ebda wahda minn dawn l-azzjonijiet, dak l-artikolu ma jistax jitqies applikabbli.

F'kull kaz, u hawn hu l-punt deciz mill-ewwel Qorti, il-konvenuti ma talbux ir-radd lura tal-prezz u tal-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-bejgh, fit-termini tal-Artikolu 1429(2) tal-Kodici Civili, izda biss danni, u, taht kull cirkostanza, id-danni jistghu jinghataw biss jekk il-bejjigh ikun jaf bid-difetti fil-waqt tal-bejgh. La darba din ix-xenza ma gietx ippruvata – ma' liema apprezzament taqbel ukoll din il-Qorti – jsegwi li, taht kull cirkustanza, it-talba tal-konvenuti ma tistax tigi milqugha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi, waqt li dawk relatati ma' dan l-appell ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuti appellanti *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------